MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 2469/2003

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif issurrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Brian D'Agostino (ID: 1770 M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Brian D'Agostino**

**Vs**

**Pierre Buhagiar (ID 176667 M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu li l-konvenut ihallas Lm209.37c (mitejn u disa' liri Maltin u sebgha u tletin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'incident tat-traffiku kif spjegat fl-Avviz.

Ra li l-konvenut sostna li ma kienx responsabbli ghall-incident u li l-atturi jridu jippruvaw li verament sofrew id-danni in kwistjoni.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Fir-*Road Accident Report* gie miktub li ezatt wara l-incident Marika Attard (illum Marika D'Agostino) li kienet qieghda ssuq il-vettura ta' l-attur qalet:

"Was driving her vehicle behind vehicle JTY 132 through Triq Bishop Labini and when she was turning into Triq Anglu Mallia the mentioned vehicle stopped and started to reverse and as she thought that he was going to park she drove slowly and the collision occurred."

Il-konvenut qal:

"He was driving through Triq Bishop Labini and as he turned into Triq Anglu Mallia vehicle JAN 643 emerged from the stop and hit his vehicle."

Meta xehdet D'Agostino qalet li hi kienet issuq wara l-vettura tal-konvenut. Hi rat li l-konvenut waqaf u rriversja. Hi waqfet imbaghad rat li t-triq kienet *clear* u daret. Kif bdiet iddur u qabzet il-vettura tal-konvenut grat il-kollizjoni. Hi ma ratux fil-hin ta' l-incident. D'Agostino qalet li l-konvenut kien waqaf meta hi regghet bdiet issuq.

Il-konvenut xehed li kien qed idur bil-mod u l-vettura JAN 643 dahlet go fih. Il-konvenut qal li kien diga' fi Triq Anglu Mallia meta saret il-habta.

Il-konvenut kellu hsara fuq ix-xellug fuq quddiem u l-bumper filwaqt li l-attrici kellha hsara fil-bieb ta' wara tal-lemin.

Illi huwa maghruf li:

"F'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anki jekk il-konvenut ma jippruvax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort ta' l-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun ta' l-attur imma

sempliciment ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova li allega bhala bazi ta' l-azzjoni tieghu (Mallia noe Vs Anastasi PA 3/10/1996)."

Illi f'din il-kawza l-verzjonijiet huma opposti. Filwaqt li D'Agostino tghid li l-konvenut kien qieghed jirriversja, l-konvenut jghid li hi dahlet go fih. Il-partijiet nehhew il-karozzi minfejn kienu u m'hemmx skizz tal-pulizija. Illi fix-xhieda taghha D'Agostino tghid li l-konvenut kien qieghed jirriversja u waqaf. Dak il-hin hi saqet u mbaghad grat il-habta. D'Agostino tghid li ma ratx il-vettura l-ohra fil-hin tal-habta. Illi jidher li D'Agostino naqset milli zzomm *a proper lookout* u li tirregola s-sewqan taghha skond ic-cirkostanzi. Anki l-konvenut jghid li ma kienx ra l-vettura l-ohra qabel il-habta. Illi mill-provi u mid-danni fil-karozza m'hemmx bizzejjed provi sabiex dan it-Tribunal jikkonkludi li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident.

Ghaldaqstant jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------